*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,157, 29 ta' Marzu, 2019*
*Taqsima A*

MALTA

**ATT Nru IX tal-2019**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex jemenda l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, Kap. 345.**

**ACT No. IX of 2019**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend the Financial Markets Act, Cap. 345.**

Nagħti l-kunsens tiegħi.

**(L.S.)**

**MARIE-LOUISE COLEIRO PRECA**
**President**

29 ta' Marzu, 2019

**ATT Nru IX tal-2019**

*ATT biex jemenda l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, Kap. 345.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2019 li jemenda l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor. Kap. 345.

Sostituzzjoni tal-artikolu 14 tal-Att prinċipali.

**2.** L-artikolu 14 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Delega tal-funzjonijiet u setgħat tal-Awtorità dwar l-Elenku. Kap. 330.

14.* (1) L-Awtorità dwar l-Elenku tista' tiddelega xi funzjonijiet u poteri tagħha taħt din it-Taqsima lill-Kumitat Eżekuttiv appuntat fl-artikolu 9 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, li jkun qed jaġixxi ta', u aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat tal-Elenkar":

Iżda kwalunkwe delega magħmula f'termini ta' dan is-subartikolu għandha tiġi magħmula pubblika fuq is-sit elettroniku tal-awtorità kompetenti.

(2) Il-Kumitat tal-Elenkar għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet, u xort'oħra jassisti, lill-Awtorità dwar l-Elenku fl-ammissibilità għall-elenkar ta' strumenti finanzjarji u jwettaq kull funzjoni oħra speċifika hekk kif l-Awtorità dwar l-Elenku tista' minn żmien għal żmien tiddelega bil-miktub. Il-Kumitat tal-Elenkar għandu jkollu dawk is-setgħat u josserva dawk il-proċeduri li l-Awtorità dwar l-Elenku tista' tistabbilixxi, u minn żmien għal żmien għandu jirrapporta fuq l-attivitajiet tiegħu lill-Awtorità dwar l-Elenku.

(3) Il-Kumitat tal-Elenkar jista' jaħtar sotto-kumitati addizzjonali sabiex jassistuh fil-qadi ta' xi funzjonijiet speċifiċi kif il-Kumitat tal-Elenkar jista' jiddelega bil-miktub.

(4) Il-Funzjoni responsabbli għas-Sorveljanza tat-Titoli u s-Swieq tal-awtorità kompetenti għandha wkoll tassisti u tagħti pariri lill-Kumitat tal-Elenkar fuq affarijiet dwar l-elenku.".

Sostituzzjoni tal-arranġamenti transitorji li jinsabu fl-aħħar tal-Kap. 345.

**3.** L-arranġamenti transitorji - li ġew oriġinarjament introdotti bl-Att XIX. 2010.59 - u riportati fl-aħħar tal-Att dwar is-Swieq Finanzjarji għandhom jiġu sostitwit b'dan li ġej:

"59. (1) L-irwol mogħti lill-Kumitat Eżekuttiv bl-artikolu 14 tal-Att dwar is-Swieq Finanzjarji kif emendat b'dan l-Att għandu jkun kontinwazzjoni tal-Kumitat tal-Elenkar imwaqqaf bl-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, kif kien fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu.

(2) Kwalunkwe regoli maħruġa skont Taqsima II ta' dan l-Att għandhom japplikaw għal strumenti diġà elenkati fuq lista rikonoxxuta, kif stabbilit fir-Regoli dwar l-Elenku.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 210 tal-25 ta' Marzu, 2019.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

I assent.

**(L.S.)** **MARIE-LOUISE COLEIRO PRECA President**

29th March, 2019

**ACT No. IX of 2019**

*AN ACT to amend the Financial Markets Act, Cap. 345.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same as follows:-

Short title.

Cap. 345.

**1.** The short title of this Act is the Financial Markets (Amendment) Act, 2019, and this Act shall be read and construed as one with the Financial Markets Act, hereinafter referred to as "the principal Act".

**2.** Article 14 of the principal Act shall be substituted by the following:

Substitution of article 14 of the principal Act.

"Delegation of functions and powers of the Listing Authority.

Cap. 330.

14.* (1) The Listing Authority may delegate any of its functions and powers under this Part to the Executive Committee appointed in terms of article 9 of the Malta Financial Services Authority Act, acting as, and hereinafter referred to as the "Listing Committee":

Provided that any delegation made in terms of this sub-article shall be made public on the competent authority's website.

(2) The Listing Committee shall make recommendations to, and otherwise assist, the Listing Authority in the admissibility to listing of financial instruments and shall perform any other specific functions as the Listing Authority may from time to time delegate in writing. The Listing Committee shall have such powers and observe such procedures as the Listing Authority may establish, and shall periodically report on its activities to the Listing Authority.

(3) The Listing Committee may appoint additional sub-committees for the purpose of assisting it in the performance of such specific functions as the Listing Committee may delegate in writing.

(4) The Function responsible for Securities and Markets Supervision of the competent authority shall also assist and give advice to the Listing Committee on listing matters.".

**3.** The transitional arrangements - originally introduced by Act XIX. 2010.59 - and reported at the end of the Financial Markets Act shall be substituted by the following:

Substitution of transitional arrangements at the end of Cap. 345.

"59. (1) The role granted to the Executive Committee by virtue of article 14 of the Financial Markets Act as amended by this Act shall be a continuation of the Listing Committee established in terms of the Financial Markets Act, as in force prior to the coming into force of this article.

(2) Any rules issued in terms of Part II of this Act shall apply to instruments already listed on any recognised list, as established in terms of the Listing Rules.".

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 210 of the 25th March, 2019.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk of the House of Representatives*

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC — *Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper***

**Prezz/*Price***
**€0.36**